# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 66/2019JPG**

**Kawza Numru : 25**

**JG**

**Vs**

**SG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JG, datat 6 ta' Frar 2019, a fol 1., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-hdax (11) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u hdax (2011), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Patricia Vella Haber LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, DOK JSG1.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u hdax (2011), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenuta stante rinunzja, u lanqas ma hemm pendenzi fil-hlas ta' manteniment pagabbli ghat-trobbija ta' bint il-partjiet;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

i. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk milll-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (vide fol 9);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimat moghti l-opportunita ai termini tal-Artikolu 158(10), Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex iressaq s-sottomissjonijiet tieghu, baqa' inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JG** xehdet a fol 18 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-6 t'Awissu 2002 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fil-11 t'Ottubru 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda. Xehed ukoll illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-***

*divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Awwissu 2002, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber, datat 11 ta' Ottubru 2011 (vide Dok.JSG1 fol 2 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi ma hemm ebda eccezzjonijiet li din il-Qorti tista tqanqal *ex officio* in vista tal-kontumacja tal-intimat.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**